Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 477/2009

**Go p.l.c.**

**Vs.**

**Vincent Bianchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà GO p.l.c. u kkonfermat bil-gurament mill-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young fis-27 ta' Novembru 2009, permezz ta' liema wara li ppremettiet illi (a) is-socjetà rikorrenti bidlet isimha ghal GO p.l.c. u dan fl-istess waqt illi zammet il-personalità guridika ezistenti stante li n-numru tar-Registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-Socjetajiet baqa' l-istess, cioè C22334, (b) l-ittra ufficjali bin-Numru ta' Referenza 1657/06 inharget taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Vincent Bianchi, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 428858(M), fis-16 ta' Marzu 2006, liema ittra giet debitament notifikata lill-intimat fit-18 ta' Marzu 2006 kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixall u in segwitu

reza esekuttiva fil-konfront ta’ l-intimat kif jirrizulta mit-timbru ta’ Brian Guillaumier, Deputat Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja, (c) l-ammont indikat fl-ittra ufficjali imsemmija, flimkien ma’ l-imghaxijiet u l-ispejjez, ghadhom dovuti lis-socjetà rikorrenti; u illi (d) mid-data meta giet reza esekuttiva l-imsemmija ittra ufficjali ghaddew iktar minn tlett (3) snin u s-socjetà rikorrenti ghandha interess li tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut – tablet sabiex din il-Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni halli tesegwixxi t-titolu esekuttiv taghha fil-konfront ta’ l-intimat a tenur ta’ l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat id-Digriet taghha tal-1 ta’ Dicembru 2009 li bih appuntat ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti ghas-smigh ghal nhar it-Tlieta 26 ta’ Jannar 2010 fid-9:30a.m., u ordnat li l-istess Rikors u Digriet jigu notifikati lill-intimat, bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-risposta.

Rat illi mill-atti jirrizulta li l-intimat gie notifikat bir-Rikors u Digriet izda naqas milli jirrispondi ghall-istess Rikors entro t-terminu lilu prefiss u naqas milli jidher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors u kkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn tliet (3) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru tar-referenza 1657/06 datata 16 ta’ Marzu 2006 u reza ezekuttiva fil-konfront ta’ l-intimat fis-sena 2006, setghat tigi esegwita fil-konfront ta’ l-intimat.

Illi l-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti ikkonfermat bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimata u li dan id-dejn ghadu dovut sa’ illum.

Illi l-intimat bin-nuqqas tieghu li jirrispondi ghar-Rikors imsemmi entro t-terminu lilu prefiss u li jidher ghas-seduti ffissati ghas-smigh ta’ tali Rikors, baqa’ kontumaci.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimat, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu nascenti mill-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru ta' referenza 1657/06; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------